**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Robert Vella)**

**vs**
**Omissis**
**Anton Agius**

**Kumpilazzjoni 503/2017**

**Illum 14 ta' Jannar 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 129981(M) u **Anton Agius** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 213980(M) billi huma akkuzati talli fil-lejl bejn l-14 u l-15 t'Awwissu 2016, mill-istabbiliment Zak Pastizzeria fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera:

1. Ikomettew serq ta' cigarette vending machine bis-sigaretti u l-flus li kien fiha b'kollox u/jew ogetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mez, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u

sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta' Sweepstake Ltd., British American tobacco (Malta) Ltd., Salvu Falzon u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entitá u /jew entitajiet ohra;

**Anton Agius** wahdu akkuzat ukoll talli :

2. Ikometta l-istess serqa, ghal liema reat hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza definittiva mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), (Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D), nhar l-20 ta' Jannar, 2014.

Finalment, **Omissis** u lil **Anton Agius** flimkien, akkuzati wkoll talli :

3. Irrendew ruhom ricedivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huma ga gew misjuba hatja permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 207)* datata 26 ta' Lulju 2018 li permezz taghha baghat lill-imputati Omissis u Anton Agius biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

Fil-Konfront ta' **Omissis** u **Anton Agius** :

- Fl-Artikoli 20, 31, 261(b) (c) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278 (1) (2) (3), 279 (b), 280(1) (2), 281 (a), 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 31, 49, 50 u 289 (1) (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 7, 8, 9, 11, 14, 16, 17, 20, 22, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 383, 384, 385 u 386 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-Konfront ta' **Anton Agius** :

- Fl-Artikoli 28A, 28B (1) (2) (a) (b) (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tad-19 ta' Novembru 2018 (*a fol. 225)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-26 ta' Lulju 2018. F'din l-istess seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Ispettur Joe Mercieca prezentata fit-23 ta' Ottubru 2019 (*a fol.* 286 *et seq.*) u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Anton Agius prezentata fl-10 ta' Dicembru 2019 (*a fol.293 et seq.*).

**IL-FATTI TAL-KAZ**

F'dawn il-proceduri l-imputat Anton Agius, originarjament, kien mixli flimkien ma' Renald Barbara, b'serqa mill- istabbiliment *Zak Pastizzeria* fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera, fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 t'Awwissu, 2016, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin. Anton Agius jinsab akkuzat ukoll talli kkommetta l-istess serqa, li ggorr piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza definittiva ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin, imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-20 ta' Jannar, 2014, kif ukoll li rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta in segwitu ta' diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati ta' Malta.

Fl-*iter* ta' dawn il-proceduri l-ko-imputat Renald Barbara kien ghamel talba lil din il-Qorti sabiex, fil-kaz tieghu, tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba kienet akkordata w ghalhekk sar separazzjoni tal-gudizzju.

## KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI

## Preliminari[1]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll filgideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

[1] Il-**Pulizija vs Reuben Alessandro ABELA** deciza fis-7 ta' Jannar 2020 mill-Imħallef Aaron Bugeja Appell numru 236 tal-2017

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din leventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta – jekk ikun hemm; kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, sure bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż[2], li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

[2] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

Il-grad ta' sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Fil-każ Ingliż **Majid**, Lord Moses stqarr hekk[3]:

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence[4]**, Adrian Keane u Paul McKeown jgħidu s-segwenti : -

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed issewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-

[3] ibid.
[4] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108

Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l- argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati talakkużi miġjuba kontrih.

Illi l-partijiet fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni *in primis*, u li għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, trid tosservanza dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule*, l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut issegwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond illigi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali*

*mill-htija talpersuna akkuzata. L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni talprova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*[5]

In oltre u aktar reċentement fis-sentenza Il-**Pulizija vs Cyrus Engerer**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

*Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan ilkonvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest talprosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista*

[5] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

*jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita talprovi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.*[6]

Kwindi minbarra r-regola li huwa meħtieġ li tiġi prodotta l-aħjar prova, jekk f'każ partikolari jkun hemm evidenza li tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu wiehed u tletin (31) xhud kif gej:

Clint Bajada (*a fol* 74 et. seq.); Daniel Paul Grima (*a fol* 77 et. seq.); Salvu Falzon (*a fol* 80 et. seq.); Spettur Joseph Mercieca (*a fol* 84 et. seq.); PS 1147 Antoine Fenech (*a fol* 99 et. seq.); Dr. Lennox Vella (*a fol* 101 et. seq.); Alex Busuttil (*a fol* 127 et. seq.); PC 1475 Ryan Sacco (*a fol* 132 et. seq.); PS 267 Anthony Cassar (*a fol* 134 et. seq.); PC 1056 Carl Debono (*a fol* 140 et. seq.); Spettur Joseph Mercieca (*a fol* 142 et. seq.); Spettur Robert Vella (*a fol* 156 et. seq.); Carmel Saliba (*a fol* 165 et. seq.); PS 267 Anthony Cassar (*a fol* 169 et. seq.); Spettur Robert Vella (*a fol* 171 et. seq.); Dr.Marisa Mifsud (*a fol* 178 et. seq.); Saviour Falzon (*a fol* 181 et. seq.); Joseph Mercieca (*a fol* 182 et. seq.); PS 836 Joseph Vella (*a fol* 193 et. seq.); Olga Mifsud (*a fol* 196 et.

[6] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

seq.); PC 1469 Emerson Borg (*a fol* 198 et. seq.); Spettur Joseph Mercieca (*a fol* 200 et. seq.); WPC363 Caroline Meilak (*a fol* 220 et. seq.); Spettur Joseph Mercieca (*a fol* 226 et. seq.); Spettur Robert Vella (*a fol* 220 et. seq.); Noel Cassar (*a fol* 239 et. seq.); Probation Officer Maryanne Zammit (*a fol* 243 et. seq.); Lisa Bonaci (*a fol* 249 et. seq.); Spettur Joseph Mercieca (*a fol* 282 et. seq.);

**<u>Ix-xhieda</u>**

**Clint Bajada**[7], Salaes and Marketing Manager tal-kumpanija British American Tobacco Malta Limited, xehed illi din il-kumpanija kienet is-sid tal-kaxxa ta-sigaretti li giet misruqa. Din kellha valur ta' €2,243 u qatt ma giet irkuprata.

**Salvu Falzon**[8] xehed illi hu kien il-kerrej ta' Zaks Pastizzeria u fil-15 ta' Awwissu, 2016 ghall-habta tas-7.30am kienu cemplulu u meta mar fuq il-post sab il-pulizija u seta' jara l-hanut sgassat u l-kaxxa tas-sigaretti u l-cash register neqsin. Qal li gol cash register kien hemm madwar €100. Qal li l-cash register kienet tiswa bejn €200 u €250. Kellu madwar €25 hsarat fix-shutter. Qal li fil-hanut ma kellux installati cameras izda l-hanut ta' magenbu kellu cameras u li hu kien ra l-filmat. Dwar dan il-filmat ix-xhud qal hekk: "*Rajna xi haga voldieri imma stajniex naghrfuhom voldierei rajnihom tipo qisu ghaddej xi haga, jghabuha go van, ma stajt kikkonoxxi la min, xejn voldieri*"

[7] fol. 74 u 75
[8] fol. 80 sa 83

**L-Ispettur Joseph Mercieca**[9] xehed waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2017 u qal illi dan il-kaz kien gie riferut lit-Taqsima ta' Investigazzjonijiet Kriminali mid-Distrett. Qal li gol-file kien sab CD kontenti filmat. Qal li din ic-CD kien ghaddiha lit-Taqsima tal-Fotografija u tal-Video tal-Pulizija li minn dan il-filmat hargu tlettax (13)-il *still image* immarkati JMX1 sa JMX13. Fi kliem ix-xhud stess, dawn l-istills "*ma tantx huma cari*", pero' skont ix-xhud il-filmat fih iktar kjarezza. L-Ispettur Mercieca spjega li kien kellem lill-imputat Renald Barabara fit-22 ta' Ottubru 2017 li kien naqas li jwiegeb ghad-domandi. Sussegwentement kien kellem lill-imputat Anton Agius fis-27 ta' Ottubru 2017 li kien wiegeb ghad-domandi maghmula lilu tant li dan l-imputat kien ta' stqarrija. L-Ispettur Mercieca xehed illi hu kien ra l-filmat flimkien ma xi Spetturi ohra u identifika liz-zewg imputati.

L-Ispettur Mercieca xehed in kontro-ezami[10] waqt l-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2018. Mistoqsi x'kienet ir-raguni ghaliex kien kellem lill-imputat Barbara qabel ma kellem lill-imputat Agius, l-Ispettur Mercieca wiegeb illi "*fil-filmat is-Sur Barbara kien jingharaf aktar minn l-iehor ... kienu jintgharfu t-tnejn pero' s-Sur Barbara l-features li kien hemm fil-filmat kienu naqra iktar...*". Qal li lil-imputat Barbara ma kienx qallu min kienet il-persuna l-ohra li tidher fil-filmat. L-Ispettur Mercieca ikkonferma li huwa kien jaf lill-imputat Barbara ghaliex kellu diversi kazijiet ohra mieghu. Qal li lill-imputat Agius gieli kien tkellem mieghu imma qatt ma kellu

[9] fol. 84 sa 86

[10] fol 226 sa 229

kazijiet kontrih. L-Ispettur Mercieca ikkonferma li ma rrizultax li f'dan il-kaz kien hemm xhieda okulari li raw l-akkadut. Lanqas irrizulta x'kien gara mill-oggetti misruqa.

Xehed ukoll illi il-Pulizija ma kienitx ghamlet tfittxijiet fir-residenzi tal-imputati. Dwar il-vettura li tidher fil-filmat de quo, l-Ispettur Mercieca xehed li n-numru ta' registrazzjoni ta' din il-vettura ma tirrizultax minn dan il-filmat. Qal illi minn verifiki li ghamel kien irrizulta li l-imputati ghandhom vetturi registrati fuq isimhom izda ma kienx hemm ness bejn dawn il-vetturi u l-vettura li tidher fil-filmat. Finalment, mistoqsi dwar ezamijiet forensici li saru mill-Pulizija, l-Ispettur Mercieca ikkonferma li kienu ittiehdu fingerprints minn fuq il-post u meta dawn ikkumparati ma tal-imputati ir-rizultat kien fin-negattiv.

**PS 1147 Antoine Fenech**[11] xehed illi fis-27 ta' Awwissu 2016 kien gie mghoddi kopja ta' filmat u minn dan il-filmat kien hareg 13-il still u ghaddihom lill-ispettur investigattiv. Dwar il-hin indikat f'dan il-filmat qal li dan ma jistax jigi kkonfermat ghaliex il-filmat mhux ma sarx mis-sezzjoni tal-forensika izda gie mghoddi lilhom minn terzi li ma jafx min kienu.

**Dr Lennox Vella**[12] xehed illi huwa kien ghamel traskrizzjoni tal-istqarrijiet moghtija miz-zewg imputati, li gew mmarkati bhala Dok LV1

[11] fol. 99 u 100
[12] fol. 101 sa 126

– l-istqarrija tal-imputat Anton Agius u bhala Dok LV2 l-istqarrija tal-imputat Renald Agius.

**Alex Busuttil**[13], direttur tal-kumpanija Sweepstake Ltd, xehed li huwa kien jimla' l-kaxxa tas-sigaretti gewwa Zak Pastizzeria. Qal li l-valur tas-sigaretti u flus ta' gol-magna jammontaw ghal €1,191. Mistqosi dwar dawn il-pakketti tas-sigaretti qal li la jaf jekk instabux u lanqas jekk gewx mibjugha lil terzi.

**L-Ispettur Robert Vella** xehed waqt l-udjenza tat-8 ta' Frar, 2018 u qal illi fil-15 ta' Awwissu 2016 fit-7.50am il-Pulizija kienet irceviet rapport anonimu li x-shutter ta' Zak' Pastizzerija fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera kien gie sgassat. Qal li kien hemm CCTV cameras li gew elevati mill-pulizija izda fuq il-filmat id-data indikata ma kienitx taqbel mad-data tal-gurnata in kwistjoni. L-Ispettur Vella xehed illi mill-istills kien jidher car illi wiehed mill-persuni kien l-imputat Renald Barbara. Qal li minn ivestigazzjoni li kien beda hu mal-ispetturi tas-CID kien irrizultalu li l-persuna l-ohra kienet l-imputat Anton Agius. L-Ispettur spjega li fit-22 ta' Ottubru 2017 hu u l-Ispettur Mercieca kienu kellmu lill-imputat Renald Barabara li kien naqas li jwiegeb ghad-domandi, u sussegwentement kienu kellmu lill-imputat Anton Agius fis-27 ta' Ottubru 2017 li stqarr li ma kellux x'jaqsam ma dan l-incident.

[13] fol. 127 sa 129

In kontro-ezami, mistoqsi dwar jekk huwa kienx ghamel verifiki dwar is-sid tal-vettura li tidher fil-filmat u fl-istills *de quo* l-Ispettur Vella qal hekk: "*Jien Renald Barbara nista niddikjara li jien gharaftu mija fil-mija fil-filmat illi gew ipproceduti u naf li Renald Barbara f'dak iz-zmien u jista wkoll ghad ghandu llum il-gurnata kellu van dak it-tip*". Qal li huwa ma kienx ivverifika jekk l-imputat Anton Agius ghandux vettura jew vetturi simili. Mistoqsi jekk fiz-zmien in kwistjoni, il-Pulizija kienetx kellmet nies li setghu raw l-akkadut, l-Ispettur Vella qal li din hija xi haga li ssir dejjem izda ma kien irrizulta xejn (fol. 156 sa 158).

L-Ispettur Vella rega' xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tad-29 ta' Jannar 2019 u kkonferma li mid-data tal-akkadut sad-data meta hu u l-Ispettur Joseph Mercieca kienu kellmu lill-imputati kienu ghaddew 14-il xahar. Rega' kkonferma li f'dan il-filmat kien gharaf lill-imputat Renald Barbara. Qal li li lill-persuna l-ohra li tidher f'dan il-filmat hu ma gharafiex. Mistqosi dwar fhiex kienet tikkonsisti din l-investigazzjoni li waslitu ghall-imputat Agius, qal li xi hadd mill-ispetturi tas-CID kien gharaf lil Agius f'dan il-filmat.

**Olga Mifsud**[14], xehedet li hija Manager ta' Admin Genie Limited li jinsab 120 Triq il-Ferrovija Santa Venera u f'Awwissu tal-2016 kienet giet avvicinat mill-Pulizija dwar filmat mis-sistema tas-CCTV tal-istess hanut. Qalet li hi kienet ghamlet download tal-filmat fuq pen drive u ghaddietu lill-pulizija.

[14] fol. 167, 168

u 196

**<u>Il-filmat esebit</u>**

F'dan il-kaz huwa krucjali l-filmat esebit li jaghti stampa cara ta' x'gara ezattament f'dan il-kaz.

Il-Prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha spjegat li:

> **"Irid jinghad mal-ewwel, a skans ta' tidwir mal-lewza, li dan il-kaz fil-konfront taz-zewg imputati hu msejjes kollu w b'mod esklussiv fuq filmati minn camera tas-sigurta' tal-fond *Admin Genie,* li fit-traskrizzjonijiet tax-xhieda gie mnizzel bhala *'Edmond Gili'*, liema fond hu adjacenti mal-fond derubat. Is-sinjura Olga Mifsud, li topera l-fond *Admin Genie*, xhedet, bil-lingwa Ingliza, kif hija ghaddiet DVD kontenti l-filmati ta' l-incident *de quo* lill-pulizija, liema xhieda tinsab inserita a fol. 167 *et seq.;* a fol. 179 *et seq*. hemm it-traskrizzjoni ta' dik ix-xhieda. Is-sinjura Mifsud tispjega wkoll fix-xhieda taghha kif id-data ta' l-incident kif murija fil-*footage* relattiv kienet gurnata b'lura, cioe' id-data ghandha taqra 15 t'Awwissu, 2016 flok 14 t'Awwissu, 2016. Olga Mifsud regghet xhedet biex ticcara x-xhieda taghha precedenti u dik ix-xhieda tinsab inserita a fol. 196 *et seq*. A fol. 198 *et seq.* hemm ix-xhieda ta' PC1469, Emmerson Borg, li ghadda USB lil Olga Mifsud biex tghamillu kopja tal-filmat ta' l-incident mertu ta' dan il-kaz u rega' gabar il-USB bil-filmati minghandha stess li mbghad**

ghaddihom lil PS836, Joseph Camilleri, mill-*Video & Photography Section* tal-pulizija sabiex jizviluppa l-i*stills* mill-istess filmati. Mill-banda l-ohra PS836 jixhed a fol. 193 *et seq.*, kif huwa qaleb il-filmati minn fuq l-USB ghal fuq DVD, esebita a fol, 87 u hareg tlettax (13) il-*still* tas-serqa mill-*footage* mghoddi lilu, liema stills jinsabu esebiti a fol. 88 tal-process. Dwar dan l-istess process jixhed ukoll PS1147, Antoine Fenech, mill-istess taqsima a fol. 99 et seq tal-process u, fil-fatt, kien l-istess PS1147 li esebixxa id-DVD bil-filmati tas-sigurta u l-istills mahruga minnhu a fol. 87.

A fol. 88 tal-process hemm *envelope* bi tlettax il-*still* estratti mill-istess *footage*. Dak li, ndubjament, jorbot lill-imputat Anton Agius mas-serqa *de quo* hu proprju filmat ta' tmien (8) sekondi, hekk kif hu jitfacca fuq ix-xena tar-reat f' 02:48:43hrs sa 02:48:51hrs (skond il-hin tas-CCTV *footage* elevat) b'wiccu mikxuf jhares lejn il-camera.[15] Fil-hin indikat tal-*footage*, l-imputat Anton Agius jingharaf sew minn wiccu, apparti fatturi ohra fizici, bhal tul, statura, mixja etc. Il-prosekuzzjoni hawnhekk trid tenfazizza li hija m'hi qed bl-ebda mod immaginabbli tipprova iggib il-bocca qrib il-likk, ghar-raguni wahdanija, ovvja, logika w semplici li l-imputat, qabel ma ndenja ruhu jtella' l-barnuza tal-gakketta fuq rasu biex jostor l-identita' tieghu ghogbu juri wiccu ezatt quddiem il-camera. Jidher li l-imputat odjern innifsu nduna bl-izball tieghu, imma meta kien tard.

[15] Enfasi tal-Qorti

Hawnhekk tajjeb li jsir parentesi li minkejja li l-imputat induna li wiccu kien inqabad fil-camera, tant li wara jtella il-barnuza ma rasu, flok li abbanduna l-hsieb tieghu baqa ghaddej qisu qatt ma kien xejn u dan il-punt nittrattawh iktar tard meta naslu ghal piena. Lura ghall-f*ootage* elevat, ghandu jigi rilevat li l-kwalita' tal-filmat hi ferm ahjar mill-i*still* riprodott mill-istess filmat. Hawnhekk qed issir riferenza ghall-i*still* mhux enumerat, li jgib il-hin 02:48:43hrs, li jifforma s-sekwenza ta' tlettax ir-ritratt f'*envelope* kannella a fol. 88 tal-process. In vista tas-suespost, u tenut kont li dan id-dettal wahdu hu l-fus tal-kaz kollu, l-prosekuzzjoni umilment tistieden il-Qorti sabiex tibbaza l-gudizzju taghha fuq l-ahjar prova, cioe' il-filmat innifsu u mhux dak riprodott minnhu; l-i*stills* qieghdin hemm biex jservu ta' gwida. Il-prosekuzzjoni tixtieq ticcara li mhux l-iskop taghha li tfittex ix-xaghra fl-ghaina f'dan il-kaz, l-ewwelnett bil-prova skaccanti kif inhi m'ghandha l-ebda htiega li ggebbed xi prova jew provi biex iggib il-bocca qrib il-likk, anzi ma jidhriliex li tista' tkun iktar cara minn hekk meta qed tillimita ruhha ghal prova partikolari konsistenti fi tmien (8) sekondi ta' footage, li huma ben delineati, mill-bqija l-ftit ndizzji li jirrizultaw jibnu fuq din il-bazi. Fit-tieni lok, l-imputat innifsu jametti li kellu problema akuta ta' droga meta, fil-kors ta' l-interrogazzjoni tieghu nhar is-27 t'Ottubru, 2017, meta mistoqsi xi kemm kien ilu li hareg mill-problema tad-droga jwiegeb "*Ezatt, ilni minn din is-sena*", cioe' fis-sena 2017, indikazzjoni ta' l-istess imputat li fis-sena 2016, meta twettaq ir-

**reat ta' serq li jinsab mixli bih, kien ghadu mjghassar bl-istess problema."**

Fil-ktieb *Electronic Evidence*[16], Stephen Mason jispjega li:

> *"Surveillance cameras are very much part of life in the twenty-first century, the foundations of which began in the latter decades of the twentieth century. Evidence of images from security cameras can be very helpful in identifying the perpetrators of crime, and the enhancement of the images, together with the use of more advanced techniques such as facial mapping, can help to identify parties to an offence."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid il-**Blackstone** fl-edizzjoni tal-2016 fejn meta jitkellem dwar ritratti, video recordings u films jghid li:

> *"A photograph (or film) the relevance of which can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender."*[17]

Illi fir-regoli illi tfasslu f'kawza **R vs Turnbull** fl-Ingilterra, li ghalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, huma linji gwida fil-kaz ta' l-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata. Illi dana gie ukoll sottolinjat f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Stephen**

[16] Ippubblikat minn LexisNexis U.K. t-tieni edizzjoni ppubblikata fl-2010 pg. 345 para. 10.91

[17] Pg. 2545 f'*Real Evidence* F8.58

**Zammit** (deciza 16 ta' Lulju 1998) fejn il-Qorti tat esposizzjoni tar-regoli Turnbull fid-decizjoni taghha:

*"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a*

*material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger.*

Illi fil-ktieb tieghu Cross, **On Evidence** (6th edition) huwa jaghti definizzjoni ta' dak imsejjah bhala real evidence:

*'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ...*

*Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers*

***the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.***

Cross imbaghad ighaddi sabiex jaghti diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence" u fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u ighid:

***'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video-tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'.***

L-awtur Murphy, imbaghad fil-ktieb tieghu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jaghti dina id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7):

***'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own***

*characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...*

*'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

Ikompli:

*'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.*

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ ighid:

*'Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification.*

*When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*

Illi fil- kaz fl-Ingilterra **R vs Murphy and Maguire** (1990) l-Qorti stqarret:

*"We consider that the Turnbull guidelines should be applied and adopted as far as appropriate by a judge in a Diplock court to his assessment of the weight to be given to visual identification made from a video film, whether that identification purports to be made by a witness or witnesses, or by the judge himself. We see nothing in principle to justify a distinction between the consideration of the identification evidence of a bystander and that of a witness or judge who identifies from a video film screen. The imperfections of human observation, the dangers of suggestibility and the possibilities of honest mistake even by a plurality of witnesses still arise and justify the need for special caution before convicting."*

**<u>Il-Prova Cirkustanzjali</u>**

Kif kellha l-opportunita din il-Qorti tesprimi kemm -il darba l-piz tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hija l-Prosekuzzjoni li trid iggib l-ahjar prova – precizament prova lil hinn minn kull dubju dettat bir-raguni – sabiex l-istess Prosekuzzjoni issostni u tirnexxi fil-kaz taghha. L-imputat m'huwa tenut jipprova xejn.

Hafna drabi ma jkunx possibbli li jingabu provi diretti tal-akkadut. In-nuqqas ta' tali provi pero m'ghandux necessarjament iwassal ghal liberatorja tal-imputat. Il-Qorti xorta tista' tistrieh fuq provi li jkunu cirkustanzjali ghall-sejbien ta' htija basta li l-istess provi cirkustanzjali jkunu jippuntaw lejn konkluzjoni wahda.

Lord Hewart C.J. fil-kaz **Taylor, Weaver and Donovan** jiddefinixxi l-provi cirkustanzjali bhala: *"evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*[18] Hafna drabi l-provi cirkustanzjali jkunu l-ahjar prova li wiehed jista' jottjeni ghaliex il-kriminal li jkun irid iwettaq delitt se jara biex kemm jista' jkun jevita li jkun hemm provi diretti u cari tal-agir tieghu. Ghalhekk kif jghid l-istess Lord Hewart fil-kaz sucitat *"It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial."*

Huwa *sina qua non* (u dan tenut kont wkoll tan-natura ta' tali prova) li tali prova cirkustanzjali trid tigi ezaminata u miflija bir-reqqa biex wiehed ikun jista' jistrieh fuqha ghal sejbien ta' htija. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza fil-5 ta' Lulju 2002

> *"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda . . . . biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in*

[18] 21, Cr. App.R.20, CCA at 21

*bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita taghha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Huwa ghalhekk li Lord Normand fil-kaz **Teper v. R** jikkumenta b'rabta mal-prova cirkustanzjali li: *"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another . . . . It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*[19]

**KONKLUZZJONIJIET**

Il-Qorti analizzat l-prova l-filmat esbiet in atti u li bazikament qieghda ssejjes il-kaz taghha l-Prosekuzzjoni, *"anzi proprju filmat ta' tmien (8) sekondi, hekk kif hu jitfacca fuq ix-xena tar-reat f' 02:48:43hrs sa 02:48:51hrs (skond il-hin tas-CCTV footage elevat) b'wiccu mikxuf jhares lejn il-camera."* U l-provi l-ohra li ngabu.

Il-Qorti mill-ewwel tfahhar lill-Ufficjal Prosekutur ghal-lealta' tieghu ghaliex minnufih indika x'inhi l-prova ewlenija tal-Prosekuzzjoni li waslithom biex jipprezentaw dan il-kaz fil-konfront tal-imputat.

Mill-provi jirrizulta illi minkejja li l-Ufficjali tat-Taqsima tal-Forensika tal-Pulizija elevaw xi *fingerprints* minn fuq il-post, meta dawn gew inseriti fis-

[19] [1952] A.C. 480, PC at 489

sistema komputerizzata u mqabbla ma' tal-imputati, din it-tfittxija rrizultat fin-negattiv.

Ghalkemm il-filmat li gie elevat minn fond adjacenti kien f'idejn il-pulizija ftit granet biss wara l-incident, il-pulizija ma kellmet lil hadd ghall-perjodu ta' madwar erbatax-il xahar, u cioe' sakemm f'Ottubru 2017 l-ewwel gie mitkellem l-imputat Barbara li ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet li kienu qed isirulu. Ftit granet wara gie mitkellem ukoll l-imputat Anton Agius li sa mill-bidu nett innega kwalunkwe involviment tieghu f'dan il-kaz.

Mill-atti irrizulta wkoll li minn dan il-filmat, l-Ispettur Robert Vella identifika lill-imputat Renald Barbara u li kien l-Ispettur Joseph Mercieca li qieghed isostni li l-persuna l-ohra li tidher f'dan il-filmat hija l-imputat Agius. Il-Qorti tifhem dan ghaliex l-Ispettur Joseph Mercieca ghandu esperjenza twila fil-Korp tal-Pulizija, qieghed fl-Iskwadra tal-Istharrig Kriminali u jibqa' jaghmel minn kollox li kaz li jkun assenjat lilu jinvestigah fil-fond.

Il-Prosekuzzjoni ssostni li l-Ispettur Joseph Mercieca gharaf lil imputat kif gej: ***l-imputat Anton Agius jingharaf sew minn wiccu, apparti fatturi ohra fizici, bhal tul, statura, mixja etc. Il-prosekuzzjoni hawnhekk trid tenfazizza li hija m'hi qed bl-ebda mod immaginabbli tipprova iggib il-bocca qrib il-likk, ghar-raguni wahdanija, ovvja, logika w semplici li l-imputat, qabel ma ndenja ruhu jtella' l-barnuza tal-gakketta fuq rasu biex jostor l-identita' tieghu ghogbu juri wiccu ezatt quddiem il-camera.***

***Jidher li l-imputat odjern innifsu nduna bl-izball tieghu, imma meta kien tard.***

Rigward l-istills esebiti kif qal l-Ispettur Mercieca ftit li xejn huma ta ghajnuna.

M'hemmx prova li tindika li l-imputat Agius dakinhar kien qieghed isuq il-vettura li tidher fil-filmat jew li tali vettura kienet tappartjeni lilu.

F'dan il-kaz il-Qorti tinsab rinfaccjata ukoll b'sitwazzjoni fejn il-persuna li ghamlet ir-rapport hja wahda anonima u ghalhekk ma setghetx tingab hawn biex tiddentifika lill-imputat. Il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda xhud okulari li jista' jindika lill-imputati.

Il-Qorti rriflettiet hafna dwar il-filmat esebit u s-sekondi indikati fejn jidher persuna b'wiccu jidher. Filwaqt li ghall-Ufficjal Prosekutur li jaf sew lill-imputat tista' tkun certezza ghalih li hu l-imputat anke mill-mod kif jimxi, din il-Qorti dan ma tistax tasal ghalih ghaliex ma tafx kif ini l-mixja tal-imputat u l-wicc li jidher fil-filmat mhix f'pozizzjoni li tikkumparah ma' wiccu. Kien ikun ghaqli f'dan il-kaz li kieku l-Prosekuzzjoni talbet li jkun fotografat l-imputat anke b'espert imqabbad mill-Qorti biex wara tkun tista' tara x'xebh jew le.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Christopher Sammut** deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza mill-Magistrat illum Imhallef Aaaron

Bugeja fit-3 ta' Marzu 2016, fejn il-Qorti kienet rinfaccata b'sitwazzjoni simili ghal dawk ta' dan il-kaz:

*"F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni qegħda tistrieħ fuq identifikazzjoni tal-imputat in bażi għall-CCTV recordings li juru persuna maskili u li l-Prosekuzzjoni ittenni li huwa l-imputat. Provi oġġettivi oħra li jorbtu lill-imputat ma din is-serqa ma hemmx. Din il-Qorti ssibha ferm diffiċli li in bażi għal din is-CCTV recording u stills eżibiti tikkunsidra – lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni – li kien l-imputat il-persuna li jidher fl-istess recording u stills. Għalkemm hemm somiljanza vaga bejn ir-raġel u l-imputat din il-Qorti ma tistax tgħid b'serenita u integrita intellettwali u morali li dik il-persuna kienet l-imputat. U li kien l-imputat dak li effettivament ikkommetta s-serqa fuq provi sal-grad rikjest mill-Liġi."*

Il-Qorti taqbel perfettament mal-kunsiderazzjonijet maghmula mill-Qorti fis-sentenza suriferita. Il-filmat esebit mill-prosekuzzjoni ma jistghax iwassal lil din il-Qorti sabiex b'serenita tgħid li il-persuna li tidher f'dan il-filmat (jew f'dawn l-istills) hija l-imputat Anton Agius.

Fid-dawl ta' dan kollu jibqa' f'mohh il-Qorti "*lurking doubt*" dwar il-htija ta' l-imputat.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah.

__________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur